

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ipubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** ► **C1** **REGOLAMENT (KE) Nru 1924/2006 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
tal-20 ta' Diċembru 2006
dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel ◀
 (ĠU L 404, 30.12.2006, p. 9)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament (KE) Nru 107/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008	L 39	8	13.2.2008
► <u>M2</u>	Regolament (KE) Nru 109/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008	L 39	14	13.2.2008
► <u>M3</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 116/2010 tad-9 ta' Frar 2010	L 37	16	10.2.2010
► <u>M4</u>	Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011	L 304	18	22.11.2011
► <u>M5</u>	Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1047/2012 tat-8 ta' Novembru 2012	L 310	36	9.11.2012

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 12, 18.1.2007, p. 3 (1924/2006)
- **C2** Emendi, Ġ.U. L 35, 17.2.2011, p. 26 (1169/2011)

▼ B▼ C1

**REGOLAMENT (KE) Nru 1924/2006 TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL**

tal-20 ta' Diċembru 2006

dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa mogħtija fuq l-ikel

KAPITOLU I

SUĖĠETT, KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET

Artikolu 1

SuĖġett u kamp ta' applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament jarmonizza d-disposizzjonijiet stipulati b'liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva fl-Istati Membri li għandhom x'jaqsmu ma' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa sabiex ikun żgurat il-funzjonament effettiv tas-suq intern filwaqt li jkun provdut livell għoli ta' protezzjoni tal-konsumatur.

2. Dan ir-Regolament għandu japplika għal indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa magħmula f'komunikazzjonijiet kummerċjali, kemm fl-ittikkettjar, il-preżentazzjoni jew ir-reklamar ta' ikel li għandu jkun imwassal bħala tali lill-konsumatur aħħari.

▼ M1

Fil-każ ta' prodotti ta' l-ikel mhux ippakkjat minn qabel (inklużi prodotti friski bħall-frott, ħxejjex jew ħobż) li jitqiegħed għall-bejgħ lill-konsumatur aħħari jew lill-caterers tal-massa kif ukoll prodotti ta' l-ikel ippakkjati fil-punt tal-bejgħ fuq talba tax-xerrej, jew ippakkjat minn qabel bil-ħsieb li se jinbiegħ immedjatament, l-Artikolu 7 u l-Artikolu 10(2)(a) u (b) m'għandhomx japplikaw. Jistgħu japplikaw dispożizzjonijiet nazzjonali sakemm, eventwalment, jiġu adottati miżuri Komunitarji mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, *inter alia* billi jiġi supplimentat, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).

▼ C1

Dan ir-Regolament għandu japplika wkoll fir-rigward ta' ikel maħsub għal forniment ta' ristoranti, sptarijiet, skejjel, canteens u fornituri simili ta' l-ikel tal-massa.

3. Trade mark, marka ta' ditta jew isem ornamental li jidher fl-ittikkettjar, il-preżentazzjoni jew ir-riklamar ta' xi ikel li jistgħu jinftiehm bħala indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa jistgħu jintużaw mingħajr ma jgħaddu mill-proċeduri ta' awtorizzazzjoni previsti minn dan ir-Regolament, kemm-il darba jkunu akkumpanjati minn indikazzjoni relatata dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa f'dik it-tikketta, il-preżentazzjoni jew ir-reklamar li tikkonforma mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

▼ **M1**

4. Għal deskrizzjonijiet ġeneriċi (denominazzjonijiet) li tradizzjonalment kienu jintużaw biex jindikaw kwalità partikolari ta' kategorija ta' ikel jew xorb li jistgħu jimplikaw effett fuq is-saħħa tal-bniedem, deroga mill-paragrafu 3, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, tista' tiġi adottata skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(3), meta japplikaw għaliha l-operaturi tan-negozju ta' l-ikel konċernati. Din l-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru li jgħaddiha lill-Kummissjoni mingħajr dewmien. Il-Kummissjoni għandha tadotta u tagħmel pubbliċi r-regoli għall-operaturi tan-negozju ta' l-ikel skond liema dawn l-applikazzjonijiet jistgħu jsiru, sabiex ikun żgurat li l-applikazzjoni tkun ikkunsidrata b'mod trasparenti u fi żmien raġjonevoli.

▼ **C1**

5. Dan ir-Regolament għandu japplika bla ħsara għad-disposizzjonijiet Komunitarji li ġejjin:

- (a) Id-Direttiva 89/398/KEE u Direttivi adottati relatati ma' ikel għal użu nutrittiv partikolari;
- (b) Id-Direttiva tal-Kunsill 80/777/KEE tal-15 ta' Lulju 1980 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri rigward l-isfruttament u t-tqegħid fis-suq ta' l-ilma minerali naturali ⁽¹⁾;
- (ċ) Id-Direttiva tal-Kunsill 98/83/KE tat-3 ta' Novembru 1998 dwar il-kwalità ta' l-ilma maħsub għall-konsum mill-bniedem ⁽²⁾;
- (d) Id-Direttiva 2002/46/KE.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:
- (a) id-definizzjonijiet ta' “ikel”, “operatur ta' negozju ta' l-ikel”, “tqegħid fis-suq”, u “konsumatur finali” stabbilita fl-Artikoli 2, 3(3), 3(8) u 3(18) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Jannar 2002 li jstabilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jstabilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u jstabilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta' sigurtà ta' l-ikel ⁽³⁾ għandhom japplikaw;
 - (b) id-definizzjoni ta' “suppliment ta' l-ikel” stabbilita fid-Direttiva 2002/46/KE għandha tapplika;
 - (ċ) id-definizzjonijiet ta' “tikketta b'tagħrif nutrittiv”, “proteina”, “carboidrat”, “zokkor”, “xaħam”, “saturati”, “mono-unsaturates”, “poly-unsaturates”, “fibra” stabbiliti fid-Direttiva 90/496/KEE għandhom japplikaw;
 - (d) id-definizzjoni ta' “ittikkettar” stabbilita fl-Artikolu 1(3) punt (a) tad-Direttiva 2000/13/KE għandha tapplika.

⁽¹⁾ ĠU L 229, 30.8.1980, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

⁽²⁾ ĠU L 330, 5.12.1998, p. 32. Direttiva kif emendata bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003.

⁽³⁾ ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 575/2006 (ĠU L 100, 8.4.2006, p.3).

▼ **C1**

2. Id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw ukoll:
- 1) “indikazzjoni” tfisser kull messaġġ jew rappreżentazzjoni, li mhix obligatorja skond il-leġislazzjoni Komunitarja jew nazzjonali, inklużi rappreżentazzjonijiet bi stampi, grafiċi jew simboliċi, f’kull forma, li jiddikjaraw, jissuġġerixxu jew jimplikaw li xi ikel għandu karettistiċi partikolari;
 - 2) “nutrijent” tfisser proteina, karboidrat, xaħam, fibra, sodju, vitamini jew minerali elenkati fl-Anness għad-Direttiva 90/496/KEE, u sustanzi, li jappartjenu għal jew huma komponenti ta' waħda minn dawk il-kategoriji;
 - 3) “sustanza oħra” tfisser sustanza għajr nutrijent li għandu effett nutrittiv jew fiżjoloġiku;
 - 4) “indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni” tfisser kull indikazzjoni li tiddikjara, tissuġġerixxi jew timplika li xi ikel għandu propjetajiet ta' nutriment partikolari ta' benefiċċju minħabba:
 - (a) l-enerġija (valur kalorifiku) li
 - (i) jipprovdi,
 - (ii) jipprovdi b'rata mnaqqa jew miżjuda, jew
 - (iii) ma jipprovdi, u/jew
 - (b) in-nutrijenti jew sustanzi oħra li
 - (i) jikkontjeni,
 - (ii) jikkontjeni fi proporzjonijiet imnaqqa jew miżjuda, jew
 - (iii) ma jikkontjenix;
 - 5) “indikazzjoni dwar is-saħħa” tfisser kull indikazzjoni li tiddikjara, tissuġġerixxi jew timplika li teżisti relazzjoni bejn kategorija ta' ikel, xi ikel jew wieħed mill-kostitwenti tiegħu u s-saħħa;
 - 6) “indikazzjoni ta' tnaqqis ta' riskju ta' mard” tfisser indikazzjoni dwar vantaġġ għas-saħħa li tiddikjara, tissuġġerixxi jew timplika li l-konsum ta' kategorija ta' ikel, xi ikel jew wieħed mill-kostitwenti tiegħu jnaqqsu b'mod sinifikanti fattur ta' riskju fl-iżvilupp ta' xi marda tal-bniedem;
 - 7) “Awtorità” tfisser l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà ta' l-Ikel kif stabbilita mir-Regolament (KE) Nru 178/2002.

KAPITOLU II

PRINĊIPJI ĠENERALI

*Artikolu 3***Prinċipji ġenerali għall-indikazzjonijiet kollha**

Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa jistgħu jintużaw fit-tikketti, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' ikel imqiegħed fis-suq fil-Komunità biss jekk ikunu konformi mad-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

Bla ħsara għad-Direttivi 2000/13/KE u 84/450/KEE, l-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa ma għandux:

- (a) ikun falz, ambigwu jew qarrieqi;
- (b) iqajjem dubji dwar is-sigurtà u/jew l-adegwatezza nutrittiva ta' ikel ieħor;

▼ **C1**

- (c) ihegħeġ jew jittollera l-konsum eċċessiv ta' xi ikel;

▼ **M1**

- (d) jiddikjara, jissuġġerixxi jew jimplika li dieta bilanċjata u varjata ma tistax tipprovdi kwantitajiet xierqa ta' nutrijenti in ġenerali. Derogi fil-każ ta' nutrijenti li ma jistgħux ikunu pprovduti fi kwantitajiet suffiċjenti b'dieta bilanċjata u varjata, inklużi l-kondizzjonijiet għall-applikazzjoni tagħhom, u mfasla sabiex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentah, jistgħu ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 25(3), b'kont meħud tal-kondizzjonijiet speċjali fl-Istati Membri;

▼ **C1**

- (e) jirreferi għal tibdil fil-funzjonament tal-ġisem li jista' jqajjem jew jisfrutta biża fil-konsumatur, kemm bit-test jew permezz ta' rappreżentazzjonijiet bi stampi, grafiċi jew simboliċi.

*Artikolu 4***Kondizzjonijiet għall-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa**▼ **M1**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi, sad-19 ta' Jannar 2009, profili nutrittivi speċifiċi, inklużi l-eżenzjonijiet, li l-ikel jew ċerti kategoriji ta' ikel għandhom jikkonformaw magħhom biex iġibu indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa u l-kundizzjonijiet għall-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għal ikel jew kategoriji ta' ikel fir-rigward tal-profilu nutrittivi. Tali miżuri mfasla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh għandhom jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 25(3).

▼ **C1**

Il-profilu nutrittivi għall-ikel u/jew xi kategoriji ta' ikel għandhom jiġu stabbiliti filwaqt li jiġu kkunsidrati b'mod partikolari:

- (a) il-kwantitajiet ta' ċerti nutrijenti u sustanzi oħra li jinsabu fl-ikel, bħal xaħam, aċidi tax-xaħam saturati, aċidi tax-xaħam trans, zokkor u melħ/sodju;
- (b) l-irwol u l-importanza ta' l-ikel (jew ta' kategoriji ta' ikel) u l-kontribut lid-dieta tal-popolazzjoni in ġenerali jew, jekk ikun il-każ, ta' ċerti gruppi f'risjku inklużi t-tfal;
- (ċ) il-kompożizzjoni nutrittiva globali ta' l-ikel u l-preżenza ta' nutrijenti li jkun ġew rikonossuti b'mod xjentifiku bħala li għandhom effett fuq is-saħħa.

Il-profilu nutrittivi għandhom ikunu bażati fuq l-għarfien xjentifiku dwar id-dieta u n-nutriment, u r-rabta tagħhom mas-saħħa.

Meta tistabbilixxi l-profilu nutrittivi, il-Kummissjoni għandha titlob lill-Awtorità biex tagħti pariri xjentifiċi rilevanti fi żmien 12-il xahar, filwaqt li tiffoka b'mod partikolari fuq:

- (i) jekk il-profilu għandhomx ikunu stabbiliti għall-ikel in ġenerali u/jew kategoriji ta' ikel

▼ C1

- (ii) l-għażla u l-bilanċ tan-nutrijenti li ser jitqiesu
- (iii) l-għażla tal-kwantità/bażi ta' referenza għall-profil
- (iv) l-approċċ għall-kalkolu tal-profil, u
- (v) il-fattibilità u l-ittestjar tas-sistema proposta.

Meta tistabbilixxi l-profil nutrittivi, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-partijiet interessati, b'mod partikolari lil operaturi tan-negozju ta' l-ikel u gruppi ta' konsumaturi.

▼ M1

Il-profil nutrittivi u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom, imfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi jissupplimentawh, għandhom ikunu aġġornati sabiex iqisu l-iżviluppi xjentifiċi rilevanti skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3) u wara li jkunu kkonsultati l-partijiet interessati, b'mod partikolari operaturi tan-negozju ta' l-ikel u gruppi ta' konsumaturi.

▼ C1

2. B'deroga mill-paragrafu 1, indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni:
 - (a) li jirreferu għat-tnaqqis tax-xaħam, aċidi tax-xaħam saturati, aċidi tax-xaħam trans, zokkor u melħ/sodju għandhom jitħallew mingħajr referenza għal xi profil għan-nutrijent/i speċifiċi li għalihom issir l-indikazzjoni, bil-kondizzjoni li huma jikkonformaw mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament;
 - (b) għandhom ikunu permessi, meta nutrijent wieħed jisboq il-profil nutrittiv kemm-il darba tkun tidher dikjarazzjoni dwar in-nutrijent speċifiku li tkun viċin ħafna, fuq l-istess naħa u bl-istess prominenza ta' l-indikazzjoni. Din id-dikjarazzjoni għandha taqra hekk: "Kontenut għoli ta' ⁽¹⁾".
3. Xorb li jkun fih iktar minn 1,2 % fil-volum ta' alkoħol ma għandux ikollu indikazzjonijiet dwar is-saħħa.

Għal dak li għandu x'jaqsam ma' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni, għal xorb li jkun fih aktar minn 1,2 % tal-volum ta' alkoħol huma biss indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li jirreferu għal livell baxx ta' alkoħol, jew għal tnaqqis fil-kontenut ta' l-alkoħol, jew għal tnaqqis fil-kontenut ta' enerġija li għandhom ikunu permessi.

4. Fin-nuqqas ta' regoli Komunitarji speċifiċi dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li jirreferu għal livelli baxxi ta' alkoħol, jew għat-tnaqqis jew l-assenza ta' alkoħol jew enerġija f'xorb li normalment ikun fih l-alkoħol, jistgħu japplikaw ir-regoli nazzjonali rilevanti f'konformità mad-disposizzjonijiet tat-Trattat.

▼ M1

5. Miżuri li jstabbilixxu l-ikel jew kategoriji ta' ikel għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 3, li għalihom l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandhom ikunu ristretti jew ipprojbti, u li huma mfassla biex jemendaw elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3) fid-dawl ta' l-evidenza xjentifika.

⁽¹⁾ L-isem tan-nutrijent li jaqbeż il-profil nutrittiv.

▼ **C1***Artikolu 5***Kondizzjonijiet ġenerali**

1. L-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandhom ikunu permessi biss jekk il-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu sodisfatti:

- (a) ikun muri li l-preżenza, in-nuqqas jew il-kontenut imnaqqas f'ikel jew f'kategorija ta' ikel ta' nutrijent jew sustanza oħra li fir-rigward tagħhom tkun saret l-indikazzjoni għandhom effett nutrittiv jew fiżjoloġiku ta' benefiċċju, kif stabbilit minn evidenza xjentifika b'mod ġenerali;
- (b) in-nutrijent jew sustanza oħra li fir-rigward tagħhom tkun saret l-indikazzjoni:
 - (i) ikunu jinsabu fil-prodott finali fi kwantità sinifikanti kif definit mil-leġislazzjoni Komunitarja jew, fejn tali regoli ma jeżistux, fi kwantità li tipproduċi l-effett nutrittiv jew fiżjoloġiku mistqarr kif stabbilit minn evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali; jew
 - (ii) ma jkunux preżenti jew ikunu preżenti fi kwantità mnaqqa li tipproduċi l-effett nutrittiv jew fiżjoloġiku mistqarr kif stabbilit minn evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali;
- (ċ) fejn ikun il-każ, in-nutrijent jew sustanza oħra li fir-rigward tagħhom tkun saret l-indikazzjoni jkunu f'forma li tkun tista' tintuża mill-ġisem;
- (d) il-kwantità tal-prodott li tista' tkun mistennija b'mod raġonevoli li tkun ikkonsmata tipprovdi kwantità sinifikanti tan-nutrijent jew sustanza oħra li għalihom tirrelata l-indikazzjoni, kif definit fil-leġislazzjoni Komunitarja, jew fejn tali regoli ma jeżistux, kwantità sinifikanti li tipproduċi l-effett nutrittiv jew fiżjoloġiku mistqarr kif stabbilit minn evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali;
- (e) konformità mal-kondizzjonijiet speċifiċi li hemm fil-Kapitolu III jew Kapitolu IV skond il-każ.

2. L-użu ta' indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandu jkun permess biss jekk il-konsumatur medju jista' jkun mistenni li jifhem l-effetti ta' benefiċċju kif espressi fl-indikazzjoni.

3. Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandhom jirreferu għall-ikel li jkun lest għall-konsum f'konformità ma' l-istruzzjonijiet tal-manifattur.

*Artikolu 6***Sostanzjament xjentifiku għall-indikazzjonijiet**

1. Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa għandhom ikunu bbażati u ssostanzjati minn evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali.

2. Operatur ta' negozju ta' l-ikel li jagħmel indikazzjoni dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa għandu jiġġustifika l-użu ta' l-indikazzjoni.

▼ C1

3. L-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri jistgħu jitolbu lill-operaturi ta' negozji ta' l-ikel jew lill-persuna li tqiegħed prodott fis-suq biex jipproduċu l-elementi rilevanti u d-data kollha li jistabbilixxu l-konformità ma' dan ir-Regolament.

*Artikolu 7***Informazzjoni dwar in-nutrizzjoni****▼ M4**

It-tikkettar dwar in-nutrizzjoni ta' prodotti li dwarhom tkun saret dikjarazzjoni dwar nutrizzjoni u/jew saħħa għandu jkun obligatorju, bl-eċċezzjoni tar-reklamar ġeneriku. L-informazzjoni li trid tingħata għandha tikkonsisti minn dik speifikata fl-Artikolu 30(1)tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar l-għoti ta' informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi ⁽¹⁾ Fejn issir dikjarazzjoni dwar nutrizzjoni u/jew is-saħħa għal nutrijent imsemmi fl-Artikolu 30(2) tar-Regolament (UE) Nru 1169/2011 l-ammont ta' dak in-nutrijent għandu jkun iddikjarat konformement mal-Artikoli 31 sa 34 tar-Regolament.

L-ammont jew ammonti tas-sustanza jew sustanzi li magħhom hi marbuta dikjarazzjoni dwar nutrizzjoni jew saħħa li ma jidhrux fuq it-tikketta tan-nutrizzjoni għandhom ikunu indikati fl-istess ► **C2** kampijiet ta' viżjoni ◀ bħat-tikketta dwar in-nutrizzjoni u għandhom ikunu espressi skont l-Artikoli 31, 32 u 33 tar-Regolament (KE) Nru 1169/2011. L-unitajiet ta' kejl użati biex jiġi espress l-ammont tas-sustanza għandhom ikunu adegwati għas-sustanzi individwali kkonċernati.

▼ C1

Fil-każ ta' supplimenti ta' l-ikel, l-informazzjoni dwar in-nutrizzjoni għandha tkun provduta skond l-Artikolu 8 tad-Direttiva 2002/46/KE.

KAPITOLU III

INDIKAZZJONIJIET DWAR IN-NUTRIZZJONI*Artikolu 8***Kondizzjonijiet speċifiċi**

1. Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni għandhom ikunu permessi biss jekk huma elenkati fl-Anness u jekk huma f'konformità mal-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

▼ M1

2. Emendi għall-Anness għandhom ikunu adottati skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3) u, fejn ikun xieraq, wara li l-Awtorità tkun għet ikkonsultata. Fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni għandha tinvolvi l-partijiet interessati, b'mod partikulari l-operaturi tan-negozju ta' l-ikel u l-gruppi tal-konsumaturi, sabiex jevalwaw il-perċezzjoni u l-konnoxxenza ta' l-indikazzjonijiet in kwistjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 304, 22.11.2011, p. 18.

▼ C1*Artikolu 9***Indikazzjonijiet komparattivi**

1. Bla ħsara għad-Direttiva 84/450/KEE, paragon jista' jsir biss bejn ikel ta' l-istess kategorija, filwaqt li tittieħed konsiderazzjoni tal-firxa ta' l-ikel ta' dik il-kategorija. Id-differenza fil-kwantità ta' nutrijent u/jew il-valur ta' enerġija għandha tkun iddikjarata u l-paragon għandu jirrelata għall-istess kwantità ta' ikel.

2. Indikazzjonijiet komparattivi dwar in-nutrizzjoni għandhom jippa-ragunaw il-kompożizzjoni ta' l-ikel in kwistjoni ma' firxa ta' ikel ta' l-istess kategorija, li ma jkollhomx kompożizzjoni li tippermettilhom li juru indikazzjoni, inkluż ikel ta' ditti oħrajn.

KAPITOLU IV

INDIKAZZJONIJIET DWAR IS-SAHHA*Artikolu 10***Kondizzjonijiet speċifiċi**

1. Indikazzjonijiet dwar is-saħħa għandhom ikunu projbiti sakemm ma jkunux konformi mal-ħtiġijiet ġenerali tal-Kapitolu II u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' dan il-Kapitolu u jkunu awtorizzati skond dan ir-Regolament u inklużi fil-listi ta' indikazzjonijiet awtorizzati previsti fl-Artikoli 13 u 14.

2. Indikazzjonijiet dwar is-saħħa għandhom ikunu permessi biss jekk l-informazzjoni li ġejja tkun inkluża fuq it-tikketta, jew jekk tali tikketta ma teżistix, fil-preżentazzjoni u r-reklamar:

- (a) dikjarazzjoni li tindika l-importanza ta' dieta varjata u bilanċjata u stil ta' ħajja san;
- (b) il-kwantità ta' l-ikel u l-mod tal-konsum meħtieġa biex jinkiseb l-effett ta' benefiċċju indikat;
- (ċ) fejn xieraq, dikjarazzjoni indirizzata lejn persuni li għandhom jevitaw l-użu ta' dak l-ikel; u
- (d) twissija adegwata għal prodotti li jistgħu jkunu ta' riskju għas-saħħa jekk ikkunsmati eċċessivament.

3. Referenza għal benefiċċji ġenerali u mhux speċifiċi tan-nutrijent jew ikel għal saħħa tajba globali jew benesseri relatat mas-saħħa tista' ssir biss jekk tkun akkumpanjata minn indikazzjoni speċifika dwar is-saħħa mniżżla fil-listi previsti fl-Artikoli 13 jew 14.

4. Fejn ikun xieraq, linji gwida dwar l-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 25(2) u, jekk ikun meħtieġ, f'konsultazzjoni ma' partijiet interessati, b'mod partikolari operaturi tan-negozju ta' ikel u gruppi tal-konsumaturi.

▼ **C1***Artikolu 11***Assoċjazzjonijiet nazzjonali ta' professjonisti mediċi, tan-nutrizzjoni u tad-dieta u karitajiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa**

Fin-nuqqas ta' regoli Komunitarji speċifiċi dwar ir-rakkomandazzjonijiet jew approvazzjoni minn assoċjazzjonijiet mediċi nazzjonali ta' professjonisti mediċi, tan-nutrizzjoni u tad-dieta u karitajiet li għandhom x'jaqsmu mas-saħħa nazzjonali, ir-regoli nazzjonali rilevanti jistgħu japplikaw f'konformità mad-disposizzjonijiet tat-Trattat.

*Artikolu 12***Restrizzjonijiet fuq l-użu ta' ċerti indikazzjonijiet dwar is-saħħa**

L-indikazzjonijiet li ġejjin dwar is-saħħa ma għandhomx ikunu permissi:

- (a) indikazzjonijiet li jissuġġerixxu li s-saħħa tista' tiġi affettwata jekk l-ikel ma jkunx ikkunsmat;
- (b) indikazzjonijiet li jirreferu għar-rata jew l-ammont ta' tnaqqis fil-piż;
- (ċ) indikazzjonijiet li jirreferu għal rakkomandazzjonijiet ta' tobba jew professjonisti individwali fil-qasam tas-saħħa u assoċjazzjonijiet oħra li mhumiex imsemmija fl-Artikolu 11.

*Artikolu 13***Indikazzjonijiet dwar is-saħħa għajr dawk li jirreferu għat-tnaqqis fir-riskju ta' mard u għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal**

1. Indikazzjonijiet li jiddeskrivu jew jirreferu għal:

- (a) l-irwol ta' nutrijent jew ta' sustanza oħra fit-tkabbir, l-iżvilupp u l-funzjonijiet tal-ġisem, jew
- (b) il-funzjonijiet psikoloġiċi u ta' mġieba, jew
- (ċ) bla ħsara għad-Direttiva 96/8/KE, dieta jew kontroll tal-piż jew tnaqqis fis-sens ta' ġuħ jew żieda fis-sens ta' xaba' jew għat-tnaqqis ta' l-enerġija disponibbli mid-dieta,

li huma indikati fil-lista prevista fil-paragrafu 3 jistgħu jsiru mingħajr ma jgħaddu mill-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 19, jekk ikunu:

- (i) ibbażati fuq evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali, u
- (ii) mifhuma sew mill-konsumatur medju.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'listi ta' indikazzjonijiet kif imsemmija fil-paragrafu 1 sa mhux aktar tard minn 31 ta' Jannar 2008 akkumpanjati mill-kondizzjonijiet li japplikaw għalihom u b'referenzi għall-ġustifikazzjoni xjentifika rilevanti.

▼ M1

3. Wara li tikkonsulta lill-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tadotta, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 25(3), lista Komunitarja, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, ta' indikazzjonijiet permessi kif imsemmi fil-paragrafu 1, u l-kondizzjonijiet kollha meħtieġa għall-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet sa mhux aktar tard mill-31 ta' Jannar 2010.

4. Kull tibdil fil-lista msemija fil-paragrafu 3, ibbażat fuq evidenza xjentifika aċċettata b'mod ġenerali u mfassal biex jemenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament, għandu jiġi adottat skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 25(3), wara konsultazzjoni ma' l-Awtorità, fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni stess jew wara talba minn Stat Membru.

▼ C1

5. Kull żieda ta' indikazzjonijiet mal-lista msemija fil-paragrafu 3 ibbażata fuq evidenza xjentifika żviluppata riċentement u/jew li tinkludi talba għall-protezzjoni ta' data koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali għandha tiġi adottata skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 18, ħlief indikazzjonijiet li jagħmlu referenza għall-iżvilupp u għas-saħħa tat-tfal, li għandhom ikunu awtorizzati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 15, 16,17, u 19.

*Artikolu 14***Indikazzjonijiet dwar tnaqqis fir-riskju ta' mard u indikazzjonijiet relatati ma' l-iżvilupp u mas-saħħa tat-tfal****▼ M2**

1. Minkejja l-Artikolu 2(1)(b) tad-Direttiva 2000/13/KE, l-indikazzjonijiet li ġejjin jistgħu jsiru fejn ġew awtorizzati b'konformità mal-proċedura stipulata fl-Artikoli 15, 16, 17 u 19 ta' dan ir-Regolament għall-inklużjoni f'lista Komunitarja ta' tali allegazzjonijiet permessi flimkien mal-kundizzjonijiet kollha meħtieġa għall-użu ta' dawn l-indikazzjonijiet:

(a) tnaqqis fl-indikazzjonijiet ta' riskju ta' mard,

(b) indikazzjonijiet li jirreferu għall-iżvilupp u s-saħħa tat-tfal.

▼ C1

2. Minbarra l-ħtiġijiet ġenerali stabbiliti f'dan ir-Regolament u l-ħtiġijiet speċifiċi tal-paragrafu 1, għal indikazzjonijiet dwar tnaqqis fir-riskju ta' mard, l-ittikettjar jew, jekk tikketta ma teżistix, il-preżentazzjoni jew l-irreklamar għandu jkun fihom dikjarazzjoni li turi li l-marda, li għaliha tirreferi l-indikazzjoni, għandha fatturi multipli ta' riskju u li meta wieħed minn dawn il-fatturi ta' riskju jkun mibdul jista' jkollu jew ma jkollux effett ta' benefiċċju.

*Artikolu 15***Applikazzjoni għal awtorizzazzjoni**

1. Meta ssir referenza għal dan l-Artikolu, għandha tkun sottomessa applikazzjoni għal awtorizzazzjoni skond il-paragrafi li ġejjin.

▼ C1

2. L-applikazzjoni għandha tintbagħat lill-awtorità kompetenti nazzjonali ta' Stat Membru.

- (a) L-awtorità kompetenti nazzjonali għandha:
- (i) tirrikonoxxi li tkun irċeviet l-applikazzjoni bil-miktub fi żmien 14-il jum minn meta tirċevieha. Ir-rikonoxximent għandu jiddikjara d-data ta' meta l-applikazzjoni tkun irċevuta;
 - (ii) tinforma mingħajr dewmien lill-Awtorità; u
 - (iii) tagħmel l-applikazzjoni u kull informazzjoni supplimentari fornuta mill-applikant disponibbli għall-Awtorità;

(b) L-Awtorità għandha:

- (i) tinforma mingħajr dewmien lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni bl-applikazzjoni u għandha tagħmel l-applikazzjoni u kull informazzjoni supplimentari fornuta mill-applikant disponibbli lilhom;
- (ii) tagħmel is-sommarju ta' l-applikazzjoni msemmi fil-paragrafu 3(g) disponibbli lill-pubbliku.

3. L-applikazzjoni għandha tinkludi dan li ġej:

- (a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;
- (b) in-nutrijent jew sustanza oħra, jew l-ikel jew kategorija ta' ikel li fir-rigward tagħhom tkun saret l-indikazzjonidwar is-saħħa u l-karatteristiċi partikolari tagħhom;
- (ċ) kopja ta' l-istudji, inklużi, fejn ikun hemm, studji indipendenti rivisti mill-pari, li jkunu ġew imwettqa fir-rigward ta' l-indikazzjoni dwar is-saħħa u kull materjal ieħor li jkun disponibbli biex jintwera li l-indikazzjoni dwar is-saħħa tikkonforma mal-kriterji previsti f'dan ir-Regolament;
- (d) fejn ikun xieraq, indikazzjoni ta' l-informazzjoni li għandha tkun meqjusa bħala koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali akkumpanjata minn ġustifikazzjoni li tista' tiġi vverifikata;
- (e) kopja ta' studji xjentifiċi oħra li huma rilevanti għal dik l-indikazzjoni dwar is-saħħa;
- (f) proposta dwar il-kliem li għandu jintuża fl-indikazzjoni dwar is-saħħa li għaliha tkun qed tiġi mitluba l-awtorizzazzjoni, inklużi, skond il-każ, il-kondizzjonijiet speċifiċi għall-użu;
- (g) sommarju ta' l-applikazzjoni.

4. Il-Kummissjoni, wara li l-ewwel tkun ikkonsultat lill-Awtorità, għandha tistabbilixxi skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2) regoli ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni ta' dan l-Artikolu, inklużi regoli dwar it-tnejn u l-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni.

5. Il-Kummissjoni, b'kooperazzjoni mill-qrib ma' l-Awtorità, għandha tpoġġi għad-dispożizzjoni gwida teknika u għodod xierqa li jassistu lill-operaturi ta' negozju fl-ikel, b'mod partikolari l-SMEs fil-preparazzjoni u fil-preżentazzjoni ta' l-applikazzjoni għal valutazzjoni xjentifika.

▼ C1*Artikolu 16***Opinjoni ta' l-Awtorità**

1. Meta tagħti l-opinjoni tagħha, l-Awtorità għandha tirrispetta l-limitu ta' żmien ta' ħames xhur mid-data ta' meta tkun irċevuta applikazzjoni valida. Kull meta l-Awtorità tfittex li tikseb informazzjoni supplimentari mingħand l-applikant kif previst fil-paragrafu 2, dan il-limitu ta' żmien għandu jiġi estiż sa xahrejn aktar wara d-data ta' meta tkun waslet l-informazzjoni mitluba mressqa mill-applikant.

2. L-Awtorità jew l-awtorità kompetenti nazzjonali permezz ta' l-Awtorità jistgħu, fejn ikun xieraq, jitolbu lill-applikant biex jissupplimenta d-dettalji li jakkumpanjaw l-applikazzjoni f'limitu ta' żmien speċifika.

3. Sabiex tħejji l-opinjoni tagħha, l-Awtorità għandha tivverifika:

(a) li l-indikazzjoni dwar is-saħħa tkun sostnuta minn evidenza xjentifika;

(b) li l-kliem ta' l-indikazzjoni dwar is-saħħa jikkonforma mal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

4. F'każ ta' opinjoni favur l-awtorizzazzjoni ta' l-iindikazzjoni dwar is-saħħa, l-opinjoni għandha tinkludi d-dettalji li ġejjin:

(a) l-isem u l-indirizz ta' l-applikant;

(b) in-nutrijent jew sustanza oħra jew l-ikel jew il-kategorija ta' ikel li fir-rigward tagħhom għandha ssir l-indikazzjoni u l-karatteristiċi partikolari tagħhom;

(ċ) proposta għall-kliem ta' l-indikazzjoni dwar is-saħħa, inklużi, jekk ikun il-każ, il-kundizzjonijiet speċifiċi ta' l-użu;

(d) meta jkun japplika, il-kondizzjonijiet jew ir-restrizzjonijiet fuq l-użu ta' l-ikel u/jew dikjarazzjoni jew twissija addizzjonali li għandha takkumpanja l-indikazzjoni dwar is-saħħa fuq it-tikketta jew fir-reklamar.

5. L-Awtorità għandha tibgħat l-opinjoni tagħha lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u lill-applikant, inkluż rapport li jiddeskrivi l-valutazzjoni tagħha ta' l-indikazzjoni dwar is-saħħa u tiddikjara r-raġunijiet għall-opinjoni tagħha u l-informazzjoni li fuqha kienet ibbażata l-opinjoni tagħha.

6. L-Awtorità, skond l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, għandha tagħmel pubblika l-opinjoni tagħha.

L-applikant jew membri tal-pubbliku jistgħu jibgħatu kummenti lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn din il-pubblikazzjoni.

▼ C1*Artikolu 17***Awtorizzazzjoni Komunitarja**

1. Fi żmien xahrejn minn meta tirċievi l-opinjoni ta' l-Awtorità, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 23(2) abbozz ta' deċiżjoni dwar il-listi ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa permessi, filwaqt li tiegħu kont ta' l-opinjoni ta' l-Awtorità, ta' kwalunkwe disposizzjoni tal-liġi Komunitarja u ta' fatturi leġittimi oħrajn li jkunu rilevanti għall-kwistjoni li tkun qed tiġi kkunsidrata. Meta l-abbozz tad-Deċiżjoni ma jkunx konformi ma' l-opinjoni ta' l-Awtorità, il-Kummissjoni għandha ttiprovdi spjegazzjoni għad-diverġenzi.

2. Kull abbozz ta' deċiżjoni biex ikunu emendati l-listi ta' indikazzjonijiet dwar is-saħħa permessi għandhom jinkludu d-dettalji msemmija fl-Artikolu 16(4).

▼ M1

3. Deċiżjoni finali dwar l-applikazzjoni, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tkun adottata skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).

Madankollu, fejn fuq talba ta' l-applikant għall-protezzjoni tad-data ta' propjetà, il-Kummissjoni tippromponi li tillimita l-użu tat-talba favur l-applikant:

- (a) għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni tat-talba skond il-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2). F'każ bħal dan, l-awtorizzazzjoni, jekk tingħata, għandha tiskadi wara ħames snin;
- (b) qabel ma jiskadi l-perjodu ta' ħames snin, jekk l-indikazzjoni għadha tissodisfa l-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għall-awtorizzazzjoni ta' l-indikazzjoni mingħajr restrizzjoni għall-użu, li dwaru għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-artikolu 25(3).

▼ C1

4. Il-Kummissjoni għandha mingħajr telf ta' żmien tinforma lill-applikant bid-deċiżjoni meħuda u tippubblika d-dettalji tad-deċiżjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

5. Indikazzjonijiet dwar is-saħħa inklużi fil-listi previsti fl-Artikoli 13 u 14 jistgħu jintużaw, f'konfomità mal-kundizzjonijiet li japplikaw għalihom, minn kull operatur ta' negozju ta' l-ikel, jekk l-użu tagħhom ma jkunx ristrett skond id-disposizzjonijiet ta' l-Artikolu 21.

6. L-għoti ta' awtorizzazzjoni ma għandux inaqas ir-responsabbiltà ġenerali ċivili u kriminali ta' xi operatur ta' negozju ta' l-ikel fir-rigward ta' l-ikel ikkonċernat.

▼ C1*Artikolu 18***Indikazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 13(5)**

1. Operatur ta' negozju ta' l-ikel li jkollu l-ħsieb li juża indikazzjoni dwar is-saħħa li ma tkunx inkluża fil-lista li hemm dispożizzjoni għaliha fl-Artikolu 13(3) jista' japplika sabiex dik l-indikazzjoni tkun inkluża f'dik il-lista.

2. L-applikazzjoni għal din l-inklużjoni għandha tiġi ppreżentata lill-awtorità nazzjonali kompetenti ta' Stat Membru, liema awtorità, fi żmien 14-il ġurnata minn meta tirċievi l-applikazzjoni, għandha tgħarraf bil-miktub il-wasla ta' l-istess applikazzjoni. L-ittra ta' rikonoxximent għandha tagħti d-data ta' meta waslet l-applikazzjoni. It-talba għandha tkun tinkludi d-data msemmija fl-Artikolu 15(3) u r-raġunijiet li għalihom tkun qed issir it-talba.

3. L-applikazzjoni valida, skond il-gwida msemmija fl-Artikolu 15(5), u kwalunkwe informazzjoni mogħtija mill-applikant, għandha tintbgħat bla dewmien lill-Awtorità għal evalwazzjoni xjentifika, kif ukoll lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri għall-informazzjoni. Meta tagħti l-opinjoni tagħha, l-Awtorità għandha tirrispetta l-limitu ta' żmien ta' erba' xhur mid-data ta' meta tirċievi t-talba. Dan il-limitu ta' żmien jista' jiġi estiż sa xahar, jekk l-Awtorità tqis li huwa neċessarju li titlob informazzjoni supplimentarja mingħand l-applikant. F'dan il-każ, l-applikant għandu jippreżenta l-informazzjoni mitluba fi żmien 15-il ġurnata mid-data ta' meta jirċievi t-talba ta' l-Awtorità.

Il-proċedura stipulata fl-Artikolu 16(3)(a) u (b), (5) u (6) għandha tapplika mutatis mutandis.

4. Meta l-Awtorità, wara evalwazzjoni xjentifika, tagħti opinjoni favur l-inklużjoni tat-talba fil-lista msemmija fl-Artikolu 13(3), il-Kummissjoni għandha tiegħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, filwaqt li tqis l-opinjoni ta' l-Awtorità, kwalunkwe dispożizzjoni rilevanti tal-liġi tal-Komunità, u fatturi leġittimi oħra li huma rilevanti għall-kwistjoni kkonċernata, wara li tkun ikkonsultat lill-Istati Membri u fi żmien xahrejn minn meta tkun irċiviet l-opinjoni ta' l-Awtorità.

▼ M1

5. Meta l-Awtorità toħroġ opinjoni li ma tappoġġjax l-inklużjoni ta' l-indikazzjoni fil-lista msemmija fil-paragrafu 4, id-deċiżjoni dwar l-applikazzjoni, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għandha tittieħed skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemmija fl-Artikolu 25(3).

Madankollu, fejn fuq talba ta' l-applikant għall-protezzjoni tad-data, il-Kummissjoni tippromponi li tillimita l-użu ta' l-istqarrija favur l-applikant:

(a) għandha tittieħed deċiżjoni dwar l-awtorizzazzjoni ta' l-indikazzjoni bi qbil mal-proċedura regolatorja msemmija fl-Artikolu 25(2). F'każ bħal dan, l-awtorizzazzjoni, jekk tingħata, għandha tiskadi wara ħames snin;

▼ **M1**

- (b) qabel ma jiskadi l-perjodu ta' ħames snin, jekk it-talba tissodisfa l-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tippreżenta abbozz ta' miżuri, imfassla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah, għall-awtorizzazzjoni ta' l-indikazzjoni mingħajr restrizzjoni għall-użu, li dwaru għandha tittieħed deċiżjoni skond il-proċedura regulatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 25(3).

▼ **C1***Artikolu 19***Modifika, sospensjoni u revoka ta' awtorizzazzjonijiet**

1. L-applikant/utent ta' indikazzjoni inkluża f'waħda mil-listi previsti fl-Artikoli 13 u 14 jista' japplika għal modifika tal-lista rilevanti. Il-proċeduri stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 18 għandha tapplika mutatis mutandis.

2. Fuq inizzjattiva tagħha stess jew wara xi talba minn xi Stat Membru jew mill-Kummissjoni, l-Awtorità għandha tagħti opinjoni dwar jekk indikazzjoni dwar is-saħħa inkluża fil-listi previsti fl-Artikoli 13 u 14 tkunx għadha qed tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan ir-Regolament.

Hija għandha minnufih tittrasmetti l-opinjoni tagħha lill-Kummissjoni, lill-Istati Membri u, fejn ikun rilevanti, lill-applikant oriġinali ta' l-indikazzjoni in kwistjoni. L-Awtorità, f'konformità ma' l-Artikolu 38(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002, għandha tagħmel pubblika l-opinjoni tagħha.

L-applikant/utent jew xi membru tal-pubbliku jistgħu jibgħatu kummenti lill-Kummissjoni fi żmien 30 jum minn tali pubblikazzjoni.

Il-Kummissjoni għandha teżamina l-opinjoni ta' l-Awtorità u kwalunkwe kumment li tirċievi kemm jista' jkun malajr. Jekk ikun il-każ, l-awtorizzazzjoni għandha tiġi modifikata, sospiża jew revokata skond il-proċeduri stabbiliti fl-Artikolu 17 u 18.

KAPITOLU V

DISPOSIZZJONIJIET ĠENERALI U FINALI*Artikolu 20***Reġistru Komunitarju**

1. Il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi u żżomm Reġistru Komunitarju dwar indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u s-saħħa li jsiru fuq l-ikel, minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Reġistru".
2. Ir-Reġistru għandu jinkludi dan li ġej:
 - (a) l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u l-kondizzjonijiet li japplikaw għalihom kif imniżżel fl-Anness;
 - (b) restrizzjonijiet adottati skond l-Artikolu 4(5);
 - (c) l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati u l-kondizzjonijiet li japplikaw għalihom previsti fl-Artikoli 13(3) u (5), 14(1), 19(2), 21, 24(2) u 28(6) u l-miżuri nazzjonali msemija fl-Artikolu 22(3);
 - (d) lista ta' l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa li ġew rifjutati u r-raġuni għal dan.

▼ C1

Indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati abbażi ta' data koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali għandhom jiġu reġistrati f'Anness separat għar-Reġistru flimkien ma' l-informazzjoni li ġejja:

- 1) id-data li fiha l-Kummissjoni awtorizzat l-indikazzjoni dwar is-saħħa u l-isem ta' l-applikant oriġinali li ngħatatlu l-awtorizzazzjoni;

▼ M1

- 2) il-fatt li l-Kummissjoni awtorizzat l-indikazzjoni dwar is-saħħa abbażi ta' data koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali u użu ristrett;
- 3) fil-każijiet imsemmija fl-Artikolu 17(3), it-tieni subparagrafu, u l-Artikolu 18(5), it-tieni subparagrafu, il-fatt li l-indikazzjoni dwar is-saħħa hija awtorizzata għal-żmien limitat.

▼ C1

3. Ir-Reġistru għandu jkun disponibbli għall-pubbliku.

*Artikolu 21***Protezzjoni ta' data**

1. Id-data xjentifika u informazzjoni oħra fl-applikazzjoni rikjesta taħt l-Artikolu 15(3) ma tistax tiġi użata għall-benefiċċju ta' applikant sussegwenti għall-perjodu ta' ħames snin mid-data ta' l-awtorizzazzjoni, sakemm l-applikant sussegwenti ma jkunx ftiehem ma' l-applikant ta' qabel li tali data u informazzjoni jistgħu jintużaw, fejn:

- (a) id-data xjentifika u informazzjoni oħra ġew klassifikati bħala kopert mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali mill-applikant ta' qabel fil-ħin meta saret l-applikazzjoni ta' qabel; u
- (b) l-applikant ta' qabel kellu d-dritt esklużiv ta' referenza għad-data koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali fil-ħin meta saret l-applikazzjoni ta' qabel; u
- (ċ) l-indikazzjoni dwar is-saħħa ma setgħetx tiġi awtorizzata mingħajr is-sottomissjoni tad-data koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali mill-applikant ta' qabel.

2. Sa ma jgħaddi l-perjodu ta' ħames snin speċifikat fil-paragrafu 1, ebda applikant sussegwenti m'għandu jkollu d-dritt li jirreferi għal data li ġiet klassifikata bħala koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali minn applikant ta' qabel ħlief jekk u sa meta l-Kummissjoni ma tkunx ħadet deċiżjoni dwar jekk indikazzjoni tistax tkun jew setgħetx tkun tiġi nkluża fil-lista prevista fl-Artikolu 14 jew, jekk ikun il-każ, l-Artikolu 13 mingħajr is-sottomissjoni tad-data klassifikata bħala koperta mid-dritt dwar il-proprjetà industrijali mill-applikant ta' qabel.

*Artikolu 22***Disposizzjonijiet Nazzjonali**

Bla ħsara għat-Trattat, partikolarment l-Artikoli 28 u 30 tiegħu, l-Istati Membri ma jistgħux jirrestrinġu jew jipprojbixxu l-kummerċ fl-ikel jew l-irreklamar tiegħu li jkunu konformi ma' dan ir-Regolament billi japplikaw disposizzjonijiet nazzjonali mhux armonizzati li jirregolaw indikazzjonijiet magħmula fuq ċertu ikel jew fuq ikel in ġenerali.

▼ **C1***Artikolu 23***Proċedura ta' notifika**

1. Jekk Stat Membru jqis li jkun meħtieġ li jadotta leġislazzjoni ġdida, dan għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bil-miżuri previsti u jagħti r-raġunijiet li jiġġustifikaw dan.

2. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali istitwit bis-saħħa ta' l-Artikolu 58(1) tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 (hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ il-“Kumitat”) jekk tikkunsidra li tali konsultazzjoni hija utli jew jekk Stat Membru jitlob dan, u għandha tagħti opinjoni dwar il-miżuri previsti.

3. L-Istat Membru kkonċernat jista' jadotta l-miżuri previsti sitt xhur wara n-notifika msemmija fil-paragrafu 1, bil-kundizzjoni li l-opinjoni tal-Kummissjoni ma tkunx waħda negattiva.

Jekk l-opinjoni tal-Kummissjoni tkun negattiva, hi għandha tiddeċiedi, skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2) u qabel l-iskadenza tal-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu ta' dan il-paragrafu, jekk il-miżuri previsti jistgħux jiġu implimentati. Il-Kummissjoni tista' teħtieġ li jsiru ċerti emendi lill-miżura prevista.

*Artikolu 24***Miżuri ta' salvagwardja**

1. Fejn Stat Membru jkollu raġunijiet serji biex jikkunsidra li indikazzjoni ma tkunx konformi ma' dan ir-Regolament, jew li l-provi xjentifiċi previsti fl-Artikolu 6 m'humiex biżżejjed, dak l-Istat Membru jista' temporanjament jissospendi l-użu ta' dik l-indikazzjoni fit-territorju tiegħu.

Għandu jinforma lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni u jagħti r-raġunijiet għas-sospensjoni.

2. Skond il-proċedura msemmija fl-Artikolu 25(2), għandha tittieħed deċiżjoni, jekk ikun il-każ wara li tinkiseb opinjoni mill-Awtorità.

Il-Kummissjoni tista' tibda din il-proċedura fuq inizzjattiva tagħha stess.

3. L-Istat Membru msemmi fil-paragrafu 1 jista' jżomm is-sospensjoni fis-seħħ sakemm id-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 2 ma tkunx ġiet notifikata lilu.

▼ **M1***Artikolu 25***Il-proċedura tal-Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun meġhuna mill-Kumitat.

2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikoli 5 u 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, wara li jkunu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

Il-perjodu stabbilit fl-Artikolu 5(6) tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandu jkun ta' tliet xhur.

3. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, l-Artikolu 5a(1) sa (4) u l-Artikolu 7 tad-Deċiżjoni 1999/468/KE għandhom japplikaw, filwaqt li jiġu kkunsidrati d-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 8 tagħha.

▼ **C1***Artikolu 26***Monitoraġġ**

Sabiex jiġi faċilitat il-monitoraġġ effikaċi ta' ikel li jkollu fuq indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa, l-Istati Membri jistgħu jeħtieġu lill-fabbrikant jew lill-persuna li tqiegħed tali ikel fis-suq fit-territorju tagħhom sabiex jinnotifikaw lill-awtorità kompetenti b'dan billi jibgħatulha mudell tat-tikketta użata għal prodott.

*Artikolu 27***Evalwazzjoni**

Sa 19 ta' Jannar 2013 l-aktar tard, il-Kummissjoni għandha tissottometti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, partikolarment dwar l-evoluzzjoni tas-suq ta' l-ikel li fir-rigward tiegħu jsiru indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni jew is-saħħa u dwar l-għarfien mill-konsumatur ta' l-indikazzjonijiet, flimkien ma' proposta għal emendi jekk ikun meħtieġ. Ir-rapport għandu jinkludi wkoll evalwazzjoni ta' l-impatt ta' dan ir-Regolament fuq l-għażliet tad-dieta u l-impatt potenzjali fuq l-obeżità u fuq il-mard li ma jitteħidx.

*Artikolu 28***Miżuri transitorji**

1. Ikel li jitqiegħed fis-suq jew li jiġi ttikkettjat qabel id-data ta' l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament li ma jkunx konformi ma' dan ir-Regolament jista' jitqiegħed fis-suq sad-data ta' l-iskadenza tiegħu u mhux aktar tard minn 31 ta' Lulju 2009. Fir-rigward tad-disposizzjonijiet fl-Artikolu 4(1), l-ikel jista' jitqiegħed fis-suq sa erbgħa u għoxrin xahar wara l-adozzjoni tal-profilu nutrittivi rilevanti u l-kondizzjonijiet għall-użu tagħhom.

2. Prodotti li jġibu trade marks jew marki tad-ditta li jkunu diġà jeżistu qabel l-1 ta' Jannar 2005 u li ma jkunux konformi ma' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq sa 19 ta' Jannar 2022, wara liema terminu ta' żmien għandhom japplikaw id-disposizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

3. Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li jkunu ntużaw fi Stat Membru qabel l-1 ta' Jannar 2006 b'mod konformi mad-disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli għalihom u li mhumiex inklużi fl-Anness, jistgħu jibqgħu jintużaw sa 19 ta' Jannar 2010 taħt ir-responsabbiltà ta' l-operaturi tan-negozju ta' l-ikel u mingħajr preġudizzju għall-adozzjoni tal-miżuri ta' salvagwardja kif imsemmijin fl-Artikolu 24.

4. Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni f'forma ta' rappreżentazzjonijiet fi stampi, grafiċi jew simboliċi, li huma konformi mal-prinċipji ġenerali ta' dan ir-Regolament, li mhumiex inklużi fl-Anness u li huma wżati skond kondizzjonijiet u kriterji speċifiċi elaborati permezz ta' regoli jew disposizzjonijiet nazzjonali, għandhom ikunu soġġetti għal li ġej:

- (a) l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn 31 ta' Jannar 2008, dawk l-indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u r-regoli jew disposizzjonijiet nazzjonali applikabbli, flimkien mad-data xjentifika bħala sostenn għal dawn ir-regoli jew disposizzjonijiet;

▼ **M1**

- (b) il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 25(3), tadotta deċiżjoni dwar l-użu ta' tali indikazzjonijiet u mfasla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament.

▼ **C1**

Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni li mhumiex awtorizzati taħt din il-proċedura jistgħu jibqgħu jintużaw għal tnaħ-il xahar wara l-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

5. Indikazzjonijiet dwar is-saħħa kif imsemmi fl-Artikolu 13(1)(a) jistgħu jsiru mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sa l-adozzjoni tal-lista msemija fl-Artikolu 13(3), taħt ir-responsabbiltà tan-negozju bil-kondizzjoni li dawn ikunu konformi ma' dan ir-Regolament u ma' disposizzjonijiet nazzjonali eżistenti applikabbli għalihom, u bla ħsara għall-adozzjoni ta' miżuri ta' salvagwardja kif imsemmi fl-Artikolu 24.

6. ► **M2** Indikazzjonijiet dwar is-saħħa minbarra dawk imsemija fl-Artikolu 13(1)(a) u fl-Artikolu 14(1)(a), li ntużaw b'konformità mad-dispożizzjonijiet nazzjonali qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament, għandhom jiġu soġġetti għal dan li ġej: ◀

- (a) Indikazzjonijiet dwar is-saħħa li ġew issoġġettati għal evalwazzjoni u awtorizzazzjoni fi Stat Membru għandhom jiġu awtorizzati kif ġej:
- (i) l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni, sa mhux aktar tard minn 31 ta' Jannar 2008, dawk l-indikazzjonijiet flimkien ma' rapport li jevalwa d-data xjentifika bħala sostenn għall-indikazzjoni;

▼ **M1**

- (ii) wara li tikkonsulta lill-Awtorità, il-Kummissjoni għandha, skond il-proċedura regolatorja bi skrutinju msemija fl-Artikolu 25(3), tadotta deċiżjoni dwar l-indikazzjonijiet dwar is-saħħa awtorizzati b'dan il-mod u mfasla biex temenda elementi mhux essenzjali ta' dan ir-Regolament billi tissupplimentah.

▼ **C1**

Indikazzjonijiet dwar is-saħħa mhux awtorizzati taħt din il-proċedura jistgħu jibqgħu jintużaw sa sitt xhur wara l-adozzjoni tad-Deċiżjoni;

- (b) Indikazzjonijiet dwar is-saħħa li ma ġewx issoġġettati għal evalwazzjoni u awtorizzazzjoni fi Stat Membru: tali indikazzjonijiet jistgħu jibqgħu jintużaw bil-kondizzjoni li ssir applikazzjoni skond dan ir-Regolament sa 19 ta' Jannar 2008, indikazzjonijiet dwar is-saħħa mhux awtorizzati taħt din il-proċedura jistgħu jibqgħu jintużaw għal sitt xhur wara li tittieħed deċiżjoni skond l-Artikolu 17(3).

*Artikolu 29***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika minn 1 ta' Lulju 2007.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

▼ **C1***ANNEX***Indikazzjonijiet dwar in-nutrizzjoni u kondizzjonijiet li japplikaw għalihom****VALUR ENERĠETIKU BAXX**

Indikazzjoni li ikel għandu valur enerġetiku baxx, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 40kcal (170kJ)/100g għal solidi jew aktar minn 20kcal (80kJ)/100ml għal likwidi. Għal sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda japplika l-limitu ta' 4kcal (17kJ)/porzjon, b'karatteristiċi ta' ħlewwa ekwivalenti għal 6g ta' sukrosju (madwar kuċċarina sukrosju).

VALUR ENERĠETIKU MNAQQAS

Indikazzjoni li ikel għandu valur enerġetiku mnaqqas, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-valur enerġetiku hu mnaqqas b'ta' l-inqas 30 %, flimkien ma' speċifikazzjoni dwar il-karatteristika/ċi li tagħmel/jagħmlu l-ikel imnaqqas fil-valur enerġetiku totali tiegħu.

BLA VALUR ENERĠETIKU

Indikazzjoni li ikel ma jkollux valur enerġetiku, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 4kcal (17kJ)/100ml. Għal sustanzi li jagħtu l-ħlewwa ta' fuq il-mejda japplika l-limitu ta' 0,4kcal (1,7kJ)/porzjon, b'karatteristiċi ta' ħlewwa ekwivalenti għal 6g ta' sukrosju (madwar kuċċarina ta' sukrosju).

BI FTIT XAĦAM

Indikazzjoni li ikel ikollu ftit xaħam, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ikun fih mhux aktar minn 3g ta' xaħam f'kull 100g għal solidi jew 1,5g ta' xaħam f'kull 100ml għal likwidi (1,8g ta' xaħam f'kull 100ml għal ħalib parzjalment xkumat).

BLA XAĦAM

Indikazzjoni li ikel hu bla xaħam, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 0,5g ta' xaħam f'kull 100g jew 100ml. Madankollu, indikazzjonijiet espressi bħala "X % bla xaħam" għandhom ikunu projbiti.

KONTENUT BAXX TA' XAĦAM SATURAT

Indikazzjoni li ikel ikollu kontenut baxx ta' xaħam saturat, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss jekk it-total ta' l-aċidi tax-xaħam saturati u l-aċidi tax-xaħam trans fil-prodott ma jaqbiżx il 1,5g f'kull 100g għas-solidi jew 0,75g/100ml għal-likwidi u f'kull każ it-total ta' l-aċidi tax-xaħam saturati u l-aċidi tax-xaħam trans ma jipprovdix aktar minn 10 % ta' enerġija.

BLA XAĦAM SATURAT

Indikazzjoni li ikel ma jkunx fih xaħam saturati, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn it-total ta' xaħam saturat u l-aċidi tax-xaħam trans ma jaqbiżx il-0,1g ta' xaħam saturat f'kull 100g jew 100ml.

BAXX FIZ-ZOKKOR

Indikazzjoni li ikel hu baxx fiz-zokkor, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 5g ta' zokkor f'kull 100g għal solidi jew 2,5g ta' zokkor f'kull 100ml għal likwidi.

▼ C1**BLA ZOKKOR**

Indikazzjoni li ikel hu bla zokkor, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 0,5g zokkor f'kull 100g jew 100ml.

BLA ZOKKOR MIŻJUD

Indikazzjoni li ma ġiex miżjud ebda zokkor f'ikel, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih ebda mono- jew disacchirides miżjuda jew kwalunkwe ikel ieħor użat għall-karatteristiċi ta' ħlewwa tiegħu. Jekk iz-zokkor hu preżenti b'mod naturali fl-ikel, l-indikazzjoni li ġejja għandha tidher ukoll fuq it-tikketta: "FIH ZOKKOR NATURALI".

BAXX FIS-SODJU/MELĦ

Indikazzjoni li ikel hu baxx fis-sodju/melħ, jew bla melħ, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 0,12g ta' sodju, jew il-valur ekwivalenti għall-melħ, f'kull 100g jew 100ml. Għall-ilma, barra mill-ilma minerali naturali li jaqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 80/777/KEE, dan il-valur m'għandux jaqbeż 2mg ta' sodju f'kul 100ml.

BAXX ĦAFNA FIS-SODJU/MELĦ

Indikazzjoni li ikel hu baxx ħafna fis-sodju/melħ, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 0,04g ta' sodju, jew il-valur ekwivalenti għall-melħ, f'kull 100g jew 100ml. Din l-indikazzjoni m'għandhiex tintuża għal ilma minerali naturali jew ilma ieħor.

BLA SODJU jew BLA MELĦ

Indikazzjoni li ikel hu bla sodju jew bla melħ, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ma jkunx fih aktar minn 0,005g ta' sodju, jew il-valur ekwivalenti għall-melħ, f'kull 100g.

▼ M5**BLA SODJU/MELĦ MIŻJUD**

Dikjarazzjoni li tistqarr li s-sodju/melħ ma ġiex miżjud mal-ikel u kwalunkwe dikjarazzjoni li hija mistennija li jkollha l-istess tifsira għall-konsumatur tista' ssir biss meta l-prodott ma jinkludix sodju/melħ miżjud jew kwalunkwe ingredjent ieħor li jinkludi sodju/melħ miżjud u l-prodott jinkludi mhux aktar minn 0,12 g sodju, jew il-valur ekwivalenti għall-melħ, kull 100 g jew 100 ml.

▼ C1**SORS TA' FIBRA**

Indikazzjoni li ikel hu sors ta' fibra, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ikun fih mill-inqas 3g ta' fibra f'kull 100g jew mill-inqas 1,5g ta' fibra f'kull 100kcal.

GĦOLI FIL-FIBRA

Indikazzjoni li ikel hu għoli fil-fibra, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ikun fih mill-inqas 6g ta' fibra f'kull 100g jew mill-inqas 3g ta' fibra f'kull 100kcal.

SORS TA' PROTEINA

Indikazzjoni li ikel ikun sors ta' proteina, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn mill-inqas 12 % tal-valur enerġetiku ta' l-ikel hu provdut mill-proteina.

▼ **C1****GĦOLI FIL-PROTEINA**

Indikazzjoni li ikel ikun għoli fil-proteina, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn mill-inqas 20 % tal-valur enerġetiku ta' l-ikel hu provdut mill-proteina.

SORS TA' [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERALI]

Indikazzjoni li ikel hu sors ta' vitamini u/jew minerali, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ikun fih mill-inqas ammont sinifikanti kif definit fl-Anness mad-Direttiva 90/496/KEE jew ammont previst b'derogi mogħtija skond l-Artikolu 6 tar-Regolament (KE) Nru 1925/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 [dwar iż-żieda ta' vitamini u minerali u ta' ċerti sustanzi oħra fl-ikel] ⁽¹⁾.

GĦOLI FI [ISEM TAL-VITAMINA/I] U/JEW [ISEM TAL-MINERALI]

Indikazzjoni li ikel għandu kontenut għoli ta' vitamini u/jew minerali, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott ikun fih mill-inqas il-valur doppju ta' "sors ta' [ISEM TAL-VITAMINA/I] u/jew [ISEM TAL-MINERALI]".

FIH [ISEM TAN-NUTRIJENT JEW SUSTANZA OĦRA]

Indikazzjoni li ikel ikun fih nutrijent jew sustanza oħra, li għaliha mhumiex stabbiliti kondizzjonijiet speċifiċi f'dan ir-Regolament, jew kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott jikkonforma mad-disposizzjonijiet kollha applikabbli ta' dan ir-Regolament, u partikolarment l-Artikolu 5. Għall-vitamini u l-minerali l-kondizzjonijiet ta' l-indikazzjoni "sors ta'" għandhom japplikaw.

MIŻJUD [ISEM TAN-NUTRIJENT]

Indikazzjoni li tiddikjara li l-kontenut f'nutrijent wieħed jew aktar, barra mill-vitamini u minerali, ġie miżjud, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn il-prodott jissodisfa l-kondizzjonijiet għall-indikazzjoni "sors ta'" u ż-żieda fil-kontenut hi mill-inqas 30 % meta mqabbla ma' prodott simili.

MNAQQAS [ISEM TAN-NUTRIJENT]

Indikazzjoni li tiddikjara li l-kontenut f'nutrijent wieħed jew aktar ġie mnaqqas, u kwalunkwe indikazzjoni li x'aktarx tkun tfisser l-istess għall-konsumatur, tista' ssir biss fejn it-tnaqqis fil-kontenut hu mill-inqas 30 % meta mqabbel ma' prodott simili, ħlief għal mikro-nutrijenti fejn differenza ta' 10 % fil-valuri ta' referenza kif stabbilit fid-Direttiva 90/496/KEE għandha tkun aċċettabbli u għas-sodju, jew il-valur ekwivalenti għall-melħ, fejn differenza ta' 25 % għandha tkun aċċettabbli.

▼ **M5**

Id-dikjarazzjoni "xaħam saturat imnaqqas", u kwalunkwe dikjarazzjoni li misten-nija li jkollha l-istess tifsira għall-konsumatur, tista' ssir biss:

- (a) jekk it-total ta' aċidi grassi saturati jew aċidi grassi trans fil-prodott li għandhom id-dikjarazzjoni huwa tal-inqas 30 % inqas mit-total ta' aċidi grassi saturati u ta' aċidi grassi trans fi prodott simili; kif ukoll
- (b) jekk il-kontenut f'aċidi grassi saturati fil-prodott li għandhom id-dikjarazzjoni huwa ugwali jew inqas milli fi prodott simili.

⁽¹⁾ ĠU L 404, 30.12.2006, p. 26.

▼ M5

Id-dikjarazzjoni “zokkor imnaqqas”, u kwalunkwe dikjarazzjoni li jista’ jkollha l-istess tifsira għall-konsumatur, tista’ ssir biss jekk l-ammont ta’ enerġija tal-prodott li għandu din id-dikjarazzjoni huwa ugwali jew inqas mill-ammont ta’ enerġija fi prodott simili.

▼ C1**ĦAFIF/LIGHT**

Indikazzjoni li prodott huwa “ħafif” jew “lite”, u kwalunkwe indikazzjoni li jista’ jkollha l-istess tifsira għall-konsumatur, għandha ssegwi l-istess kondizzjonijiet bħal dawk stabbiliti għat-terminu “mnaqqas”; l-indikazzjoni għandha wkoll tkun akkumpanjata b’indikazzjoni tal-karatteristika/karatteristiċi li tagħmel/jagħmlu l-ikel “light” jew “lite”.

B'MOD NATURALI/NATURALI

Fejn ikel jissodisfa b'mod naturali l-kondizzjoni/jiet stabbiliti f'dan l-Anness għall-użu fi indikazzjoni ta' vantaġġ nutrittiv, it-terminu “b'mod naturali/naturali” jista' jintuża bħala prefiss għall-pretenzjoni.

▼ M3**SORS TAL-AĊIDI TAX-XAĦAM OMEGA-3**

Affermazzjoni li l-ikel hu sors ta’ aċidi tax-xaħam omega-3, u kull affermazzjoni li probabbilment jista’ jkollha l-istess tifsira għall-konsumatur, tista’ ssir biss meta l-prodott ikun fih mill-inqas 0,3 g ta’ aċidi alpha-linolenic għal kull 100 g u għal kull 100 kcal, jew mill-inqas 40 mg tat-total tal-aċidu eicosapentaenoic u tal-aċidu docosahexaenoic flimkien għal kull 100 g u għal kull 100 kcal.

ĦAFNA AĊIDI TAX-XAĦAM OMEGA-3

Affermazzjoni li l-ikel għandu ħafna aċidi tax-xaħam omega-3, u kull affermazzjoni li probabbilment jista’ jkollha l-istess tifsira għall-konsumatur, tista’ ssir biss meta l-prodott ikun fih mill-inqas 0,6 g ta’ aċidi alpha-linolenic għal kull 100 g u għal kull 100 kcal, jew mill-inqas 80 mg tat-total tal-aċidu eicosapentaenoic u tal-aċidu docosahexaenoic flimkien għal kull 100 g u għal kull 100 kcal.

ĦAFNA XAĦAM MONO MHUX SATURIZZAT

Affermazzjoni li ikel għandu ħafna xaħam mono mhux saturizzat, u kull affermazzjoni li probabbilment għandha l-istess tifsira għall-konsumatur, tista’ ssir biss meta tal-anqas 45 % tal-aċidi grassi li jkunu preżenti fil-prodott jittieħdu minn xaħam mhux saturizzat bil-kundizzjoni li xaħam mono mhux saturizzat jipprovdi aktar minn 20 % tal-enerġija tal-prodott.

ĦAFNA XAĦAM POLI MHUX SATURIZZAT

Affermazzjoni li ikel għandu ħafna xaħam poli mhux saturizzat, u kull affermazzjoni li probabbilment għandha l-istess tifsira għall-konsumatur, tista’ ssir biss meta tal-anqas 45 % tal-aċidi grassi li jkunu preżenti fil-prodott jittieħdu minn xaħam poli mhux saturizzat bil-kundizzjoni li xaħam poli mhux saturizzat jipprovdi aktar minn 20 % tal-enerġija tal-prodott.

ĦAFNA XAĦAM MHUX SATURIZZAT

Affermazzjoni li ikel għandu ħafna xaħam mhux saturizzat u kull affermazzjoni li probabbilment għandha l-istess tifsira għall-konsumatur tista' ssir biss meta 70 % tal-aċidi tax-xaħam fil-prodott jiġu mix-xaħam mhux saturizzat bil-kundizzjoni li xaħam mhux saturizzat jipprovdi aktar minn 20 % tal-enerġija tal-prodott.